MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29/2017

Il-Ħamis 6 ta' April 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI: Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

29.1.1 Is-Sindku qal illi l-Viċi Sindku kien skużat u l-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

### 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 28/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

29.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

29.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 29.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

29.3.1 Chev C Saliba qal illi l-*musical* 'Ikun Li Trid Int' ser jiġi segwit minn numru akbar ta' parteċipanti u dan ser jitla' għal 52 persuna. Għaldaqstant ser issir *coach* minflok *minibus*.

### 29.4 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

29.4.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali f'isem il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq bagħat linji gwida u materjal relatat in konnessjoni mat-tismija ta' toroq. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendiet laqgħa organizzata għas-Segretarji fuq l-istess suġġett.

29.4.2 Il-Fondazzjoni OASI talbet *sponsor* ta' €78.75 għall-istampar tal-biljetti tal-lotterija sabiex tkun tista ttella' l-attivita' Riflessi Sajfin. Il-Kunsill ma qabilx fid-dawl li l-liġi ma tippermittix.

29.4.3 Ċirkulari Numru 7/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018.

29.4.4 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kiteb lill-Kunsill dwar it-tiġdid tal-pożizzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv peress li jiskadi fid-29 t'April. Il-Kunsill qabel illi jerġa' jiġġedded għal disgħin (90) ġurnata oħra.

29.4.5 L-Awtorita' tal-Ippjanar bagħtet tinforma lill-Kunsill bil-bilanċi tal-*Urban Improvement Fund* (UIF) li huma:

- Iż-Żebbuġ - €55,264.18;
- Marsalforn - €49,035.13.

29.4.6 Korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' San Pawl f'Marsalforn dwar il-Kwaranturi. Il-purċissjoni tal-Kwaranturi ser issir il-Ħadd 13 t'Awwissu fis-7.00pm Il-Kunsill qabel illi jżomm din id-data libera minn attivitajiet oħra.

29.4.7 Komunikazzjoni ta' stedina mill-Comune di Lanuvio biex tlett rappreżentanti tal-Kunsill jagħmlu żjara reċiproka ġewwa Lanuvio mit-18 sat-22 ta' Mejju 2017. Il-Kunsill approva din iż-żjara u li jmorru s-Sindku, l-Kunsillier Chev C Saliba u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Chev C Saliba qal illi sakemm din id-delegazzjoni ser tkun Lanuvio ser isir xogħol ta' preparazzjoni għaż-żjara reċiproka f'Għawdex, kemm il-darba l-applikazzjoni tiġi aċċettata. Chev C Saliba diġa ġabar kwotazzjoni tal-*coach* għall-prezz ta €1,156. Is-Sindku ppropona li l-persuna nkarigata mill-amministrazzjoni ta' dan il-ġemellaġġ għandha tibqa f'idejn is-Sinjura Josianne Cassar. Il-Kunsilliera S Grech ssekondat u l-Kunsill qabel.

29.4.8 L-intervisti dwar l-ingaġġ ta' persuna taħt-l-iskema ta' *Community Employment Inclusive Scheme* (CIES) saru. Kien hemm żewġ applikazzjonijiet pero waħda resqet għall-intervista. Il-Bord li kien kompost mill-membri tal-Kunsill wara li evalwa l-persuna ntervistata qabel u ssuġġerixxa lis-Sinjorina Frances Cefai. Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Cefai għandha tiġi ngaġġata mmedjatament mal-Kunsill.

29.4.9 L-Uffiċċju għar-Regolamenti tal-Bini bagħat korrispondenza dwar l-applikazzjoni taċ-Ċentru Ċiviku ta' Marsalforn. Il-Kunsill qabel illi dan l-Uffiċċju jiġi nfurmat li l-proprjeta' m'għadhiex f'idejn il-Kunsill imma taqa' taħt il-Ministeru għal Għawdex.

29.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet *email* lill-Kunsill fejn infurmatu li mill-Ħamis 16 ta' Marzu sal-Ħamis 13 t'April ser tkun bil-*vacation leave* (160 siegħa) liema *vacation leave* l-Kunsill m'hux infurmat min minn ġie approvat.

29.4.11 L-Avukat tal-Kunsill M Scerri bagħat it-tweġiba b'referenza għall-allegazzjonijiet dwar l-iskeda ta' pagamenti 18/2016. Din l-ittra ġiet diskussa u ntqal li hija tajba ħafna. Għaldaqstant l-Avukat għandu jibgħat l-ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

29.4.12 Il-Kunsill qabel illi jsiru l-arranġamenti neċessarji biex jerġa' jkollna l-linja tat-telefon tal-Melita fl-uffiċċju tal-Kunsill.

29.4.13 Il-Kav Joe M Attard kiteb lill-Kunsill dwar kotba li għandu għall-bejgħ bis-suġġett 'Is-Seba Duluri ta' Marija' għall-prezz ta' €2. Il-Kunsill qabel illi jixtri 20 ktieb għall-Librerija.

29.4.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien jonqos fanal fi Triq Ġoma biex jinżebagħ. Dan inżebagħ ma' dawk ta' Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel.

29.4.15 Transport Malta approvat ir-riallokazzjoni tal-*bus stop* fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-Malta Public Transport sabiex jagħmel il-*bus shelter* fil-post approvat.

29.4.16 Sar qbil illi tintbagħat *reminder* lill-Perit dwar l-applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar fuq Triq ta' Milied.

29.4.17 Dr Fortunata Randisi talbet appuntament mal-Kunsill dwar proposta li għandha għall-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi jiltaqa' magħha.

29.4.18 Is-Sur Thomas Naudi talab permess lill-Kunsill sabiex issir attività tal-*archery* fil-bajja tax-Xwejni nhar is-Sibt 13 ta' Mejju 2017. Il-Kunsill qabel.

29.4.19 Is-Sindku qal illi hemm ilment sabiex jitnaddaf Wied l-Abjad. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir minn Richard Axiaq. Il-Kunsill qabel ukoll illi titnaddaf l-*area* ta' ħdejn id-Dar Stella Maris. Dan ix-xogħol għandu jsir minn Richard Axiaq.

29.4.20 Is-Sindku talab sabiex jinżebgħu l-bankijiet u d-*dustbins* li hemm fil-*promenade* ta' Triq Mons. De Piro. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

29.4.21 Ġie deċiż ukoll illi l-ħaddiema tal-Kunsill jagħmlu *patching* fejn meħtieġ matul id-dawra tal-purċissjoni għall-Ġimgħa l-Kbira.

29.4.22 Il-Perit Edward Scerri bagħat l-istima tar-*railings* fi:
- Triq l-Onice - €6,799.70;
- Sqaq Antonio Mallia - €6,670.50.

Il-Kunsill qabel illi jitlob lill-Perit jagħmel l-i*specifications* u joħroġ l-offerta sabiex ikunu jistgħu jsiru. Il-Kunsill qabel ukoll illi joħroġ l-offerta sabiex tinbena mill-ġdid it-tinda tal-*pitch* tal-boċċi fi Triq Mons De Piro b'materjal aktar b'saħħtu li jkun jirreżisti l-maltemp.

29.4.23 Inġabru żewġ stimi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-*business cards* għall-membri tal-Kunsill. Dawn kienu:
- *B.C.D. Graphics Ltd.* - €64.00 (500 għal kull Kunsillier);
- *Smart Office Supplies Ltd.* - €70.00 (500 għal kull Kunsillier).

Il-Kunsill qabel illi jagħżel l-irħas offerta, jigifieri dik ta' *B.C.D. Graphics Ltd.*

29.4.24 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-*hangers* fi Triq Dun Karm Cachia nqalgħu minn persuni mhux magħrufa. *Email* li ntbagħet lill-Kunsill residenta fl-istess triq indikat il-persuna li qalgħet dawn il-*hangers*. Il-Kunsill qabel illi jerġgħu jsiru.

29.4.25 *Email* mingħand I Borg bis-suġġett 'country walks'. Hija ssuġġeriet illi jsiru aktar tabelli li jindikaw postijiet turistiċi. Il-Kunsill qal illi jgħaddi dan l-ilment lill-Ministeru għal Għawdex.

29.4.26 Il-Kunsill qabel illi jordna l-bozoz ġodda li huma diġa approvati mill-Kunsill. Dawn huma fi Triq Skapuċċina, fi Triq il-Kaċċaturi fiż-Żebbuġ u fi Triq Manwel Magro, fi Triq il-Wied u fi Triq Santa Marija (ħdejn l-Otters) f'Marsalforn.

29.4.27 Ilment 09/2017 – is-Sur T Vassallo
Talab biex terġa titwaħħal mera bejn Triq Żaki u Għajn Mhelhel fuq l-arblu li għadu hemm. Il-Kunsill qabel illi din issir mil-kuntrattur tas-sinjali tat-traffiku.

29.4.28 Ilment 10/2017 – is-Sinjura J Adams
Talbet sabiex jitwaħħlu mirja u tabelli li ġew imkissra kawża tal-maltemp u oħrajn li m'għadhomx viżibbli. Il-Kunsill qabel illi dawn isiru mil-kuntrattur tas-sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ukoll illi jsiru t-tabelli kollha li huma bżonnjużi kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f'Marsalforn.

29.4.29 Ilment 11/2017 – is-Sur J Cefai
Ilmenta li ma jistax jidħol jew joħroġ mit-tlett garaxxijiet ta' Triq Skapuċċina billi qed isir *parking* faċċata tal-garaxx u t-triq ma tippermettix. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-ilment.

29.4.30 Ilment 12/2017 – is-Sur J Cefai
Talab biex jinstab mezz kif jinġabar l-ilma tax-xita quddiem l-għalqa fi Triq Għajn Mhelhel maġenb ir-residenza ta' J Saliba li joqgħod 'Josmar' fl-istess triq. Il-Kunsill qabel illi l-*culvert* eżistenti jiġi estiż sa grada oħra u x-xogħol isir minn Said Construction. Chev C Saliba astjena mid-deċiżjoni billi hemm parentela.

29.4.31 Ilment 13/2017 – is-Sur J Zammit
Talab biex isir traqqiegħ bil-konkos taħt ix-xifer quddiem il-*Horizon Restaurant*. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

29.4.32 Ilment 14/2017 – Chev C Saliba
Talab sabiex isiru l-ħlasijiet pendenti relatati mal-festa nkluż ix-xogħol li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill barra mill-ħin normali tagħhom. Chev C Saliba semma t-tindif li sar mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-ġimgħa tal-festa wara kull attività li saret u li ta dan m'hemm l-ebda *record* fil-minuti preċedenti minkejja li waqt laqgħa tal-Kunsill kien hemm qbil illi jsir dan ix-xogħol minnhom wara l-ħinijiet normali tax-xogħol. Il-Kunsilliera S Grech qalet illi l-ħaddiema għamlu xogħolhom sew ħafna. Chev C Saliba fakkar lill-Kunsill illi fl-2015 il-Kunsill kien nefaq €3000 biex sar dan ix-xogħol, għaldaqstant huwa ppropona li jsir l-ħlas ta' €500 lill kull ħaddiem li huma tlieta u dan ma jammontax għal nofs in-nefqa tas-sena preċedenti. Il-Kunsill qabel.

29.4.33 Ilment 15/2017 – il-Viċi Sindku
Talab sabiex tinżebagħ il-kurduna tal-bankina fi Pjazza l-Assunta. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

29.4.34 Ilment 16/2017 – is-Sur Ġ Cini
Talab biex issir tabella li tindika Marsalforn fi Triq Wied l-Infern għax in-nies bil-vetturi qed jidħlu ġo l-irziezet. Chev C Saliba ssuġġerixxa li t-tabella titpoġġa f'katusa tal-plastik u din tiġi rinfurzata bis-siment sabiex il-kanna ma tinsteraqx. Il-Kunsill qabel illi din issir mil-kuntrattur tas-sinjali tat-traffiku.

29.4.35 Ilment 17/2017 – is-Surġent Scerri 664

Talab sabiex isir *double yellow lines* fi Triq Skapuċċina fejn ta' G Cefai li joqgħod 'Casa Madonnina' u C Borg li joqgħod 26 Triq Skapuċċina. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment flimkien mal-ilment nru 11 li jirreferu għall-istess problema. Saret diskussjoni u ntqal illi kulħadd irid *double yellow line* faċċata tad-dar tiegħu iżda mhux quddiem id-dar tiegħu. Is-Sindku qal illi jekk isiru d-*double yellow lines* għandhom isiru t-triq kollha jew ma jsiru xejn. Il-Kunsillier C Cassar issuġġerixxa li nistaqsu lir-residenti kollha x'jixtiequ li jsir biex tissolva din il-problema. Is-Sindku qal illi l-problema hi li r-residenti diġa nfurmati li ser isir d-*double yellow line*. Chev C Saliba qal illi *double yellow line* ifisser *No Stopping*. Ġie deċiż li jsir *traffic management report* minn persuna kkwalifikata.

29.4.36 Ilment 18/2017 – il-Viċi Sindku ressaq dawn l-ilmenti:

- Jerġgħu jsiru 3 *bollards* (tal-konkos) quddiem iċ-Ċimiterju fi Triq iż-Żebbuġ;
  Il-Kunsill qabel illi jixtri sitt *bollards* biex isiru tlieta kull naħa u li jkunu viżibbli minn ġo karozza għax altrimenti jkunu perikolużi.

- Jinbena ċ-ċint ta' mas-Salini l-ġewwa mix-Xwejni li ħa l-maltemp;
  Il-Kunsill kien diġa bagħat dan l-ilment lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

- Jitranġa t-taraġ ta' fejn il-*Horizon Restaurant* mal-baħar;
  Il-Kunsill kien diġa bagħat dan l-ilment lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

29.4.37 Korrispondenza mingħand il-*Public Contracts Review Board* fejn informa lill-Kunsill illi daħlet oġġezzjoni fuq l-offerta Nru. 04/2017 Tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ, il-*promenade* tal-Qbajjar u Ġnien Serħan is-Sagħtrija mingħand l-*Environmental Landscapes Consortium* (ELC). Intalbu diversi dokumenti għal dan l-appell.

29.4.38 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rappreżentanti mill-*Health & Safety* għamlu *site inspection* fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Irriżulta li kien hemm diversi nuqqasijiet li ma ġewx indirizzati mill-aħħar żjara li saret għal dan il-għan. Il-Kunsill ma kienx mgħarraf li saret spezzjoni fi żmien is-Segretarja Eżekuttiva u li ma ttieħdu l-ebda passi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel illi jaħtar lill-Inġinier Mario Galea sabiex jipprepara *risk assessment report*.

29.4.39 Il-Perit tal-Kunsill bagħat kopja t'ittra t'oġġezzjoni li ntbagħtet lill-Awtorita' tal-Ippjanar wara l-laqgħa li saret mar-residenti dwar applikazzjoni nru. 01398/17 fi Sqaq Anton Mallia. Din il-laqgħa saret wara diversi ilmenti minn residenti peress li parti minnha tinsab fl-ODZ.

## 29.5 Kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill;

Għall-laqgħa attendew is-sidien tal-uffiċini tal-Kunsill. Wara li saret diskussjoni u ntlaħaq ftehim il-Kunsill qabel illi r-rati l-ġodda tal-kera huma dawn:

| | Kif kienu | Riveduti |
|---|---|---|
| *Basement floor* | €1,160.03 | €2,100.00; |
| *Ground floor* | €1,160.03 | €2,100.00; |
| *First floor* | €2,327.04 | €3,500.00. |

29.5.1 Il-Kunsill qabel illi jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinfurmah u jsir kuntratt ġdid.

## 29.6 Aġġudikazzjoni sejħiet għall-offerti:

### 29.6.1 Servizzi ta' *Contracts Manager*;

Offerta Nru. 05/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tal-Kunsillier Chev Saliba u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Dawn kienu:

- William Sultana - €3,600.00 (Vat eskluż);
- Ame Health & Safety Services Ltd. - €16,895.00 (Vat eskluż).

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil William Sultana u l-Kunsill qabel unanimament.

### 29.6.2 Tindif u żamma tal-latrina taż-Żebbuġ;

Offerta Nru. 06/2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-offerti miftuħa nhar it-Tnejn, 27 ta' Marzu 2017 f'nofsinhar fil-preżenza tal-Kunsillier Chev Saliba u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali. Dawn kienu:

- Josephine Vella - €15,840.00 (Vat eskluż). Dan l-ammont hu għal tlett snin.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-għażla, li kien iltaqa' qabel il-laqgħa tal-Kunsill dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li tingħata lil Josephine Vella u l-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill qabel ukoll illi din tingħata għal sena waħda bil-prezz ta' €5,280.00 (Vat eskluż) bil-kundizzjoni li jista' jiġi mġedded kull sena sa massimu ta' tlett snin u dan għad-deskrizzjoni tal-Kunsill.

**29.7 Sejħiet għall-offerti: Xogħlijiet ta' traqqiegħ bil-*hot* u *cold* asphalt;**

29.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi dan il-kuntratt ser jiskadi fil-31 ta' Mejju 2017. Il-Kunsill qabel illi joħroġ din l-offerta.

**29.8 Jum iż-Żebbuġ 2017;**

29.8.1 Għall-okkażjoni ta' Jum Iż-Żebbuġ 2017, il-Kunsill iddeċieda li jorganizza dawn l-attivitajiet:

| | |
|---|---|
| Is-Sibt 22 t'April | Majjalata mas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Banda Santa Marija (Il-Kunsill iħallas l-*entertainment*). |
| Il-Ħadd 23 t'April | Tberik tal-*pets*.<br>Mixja b'risq Puttinu. |
| Il-Ħamis 27 t'April | Quddiesa tal-okkażjoni fil-Knisja San Pawl ta' Marsalforn.<br><br>Laqgħa ta' ringrazzjament għall-eks Kunsillieri u membri li servew fil-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn matul is-snin u wara riċeviment (mingħand Sweet Passion). |
| Il-Ġimgħa 28 t'April | Inawgurazzjoni u tberik tal-proġett 'Dawret tal-Virtut' bis-sehem tat-tfal tal-Iskola. |

Għal din l-attivita`, il-Kunsill approva:

- it-tfal iniżżluhom Triq Skapuċċina bit-*trackless train*;
- lapida tal-i*stainless steel* mingħand Jacap.

Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja taż-Żebbuġ bis-

sehem tal-Kor Sta Marija u s-Sopran Jacqueline Vella.

Inawgurazzjoni u tberik tal-Berġa.

Is-Sibt 29 t'April

Filgħodu — Logħob u divertiment għat-tfal fil-grawnd tal-Iskola (jinkrew *bouncy castle* u *gokarts*). Ser jingħata *snack* u tifkira lit-tfal kollha.

Filgħaxija — Ċerimonja ta' tifkira fis-sala Villa Fiorita.

Il-Kunsill approva:
kiri ta' *sound* mingħand Power Sound, servizz ta' *usher* Marlene Portelli, servizz (kunċert) mill-Banda Sta Marija Żebbuġ, servizz mill-Kor Regina Angelorum u Cini Band, isiru diskorsi tal-okkażjoni mill-Kunsillieri, tippreżenta ċ-ċerimonja Diane Calleja, ritratti Baskal Mallia u Matthew Vella u wara ċ-ċerimonja riċeviment għall-mistednin (Dolceria Bartolo).

29.8.2 Jingħata rikonoxximent lil diversi persuni li pprometew matul is-sena 2016.

29.8.3 Jingħataw ċertifikati lill-istudenti li pparteċipaw fil-korsijiet organizzata mill-Kunsill matul is-sajf 2016.

29.8.4 Is-Sindku ppropona u l-Kunsill unanimament qabel li l-Premju Ġieħ Iż-Żebbuġ 2017 jingħata lis-Sur Joseph Camilleri għas-servizz li ta lill-lokalita` taż-Żebbuġ.

## 29.9 Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur Ottubru – Diċembru 2016;

29.9.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport Finanzjarju tat-tlett xhur tar-raba' kwart tas-sena.
Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u ġie approvat unanimament.

## 29.10 Il-Pjan ta' Ħidma 2017 – 2019;

29.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2017 – 2019.

29.10.2 Wara li ġie diskuss il-Kunsill approva dan il-pjan kif preżentat unanimament.

**29.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;**

29.11.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM23/2017 tat-Tlieta 28 ta' Frar 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

**29.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;**

29.12.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 22/2017 – DOK A għall-perijodu bejn il-15 ta' Frar 2017 u l-10 ta April 2017 li tammonta għal €52,611.87 kienet approvata u ffirmata.

**29.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

29.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |